

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1247**tat-28 ta' Lulju 2016****li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-aspartam li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA**1.1. Miżuri proviżorji**

- (1) Fis-26 ta' Frar 2016, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/262 ("ir-Regolament proviżorju") ⁽²⁾, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' aspartam li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-RPĊ") skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament bażiku.
- (2) L-investigazzjoni nbdiat fit-30 ta' Mejju 2015 wara lment li tressaq fis-16 ta' April 2015 minn Ajinomoto Sweeteners Europe SAS ("ASE"), l-uniku produttur ta' aspartam fl-Unjoni. Fil-15 ta' Ottubru 2015, ASE inxtrat minn Hyet Holding B.V. u konsegwentement isimha tbiddel għal Hyet Sweet S.A.S ("Hyet"). Hyet tirrapreżenta 100 % tal-produzzjoni tal-aspartam fl-Unjoni u tiffirma l-industrija tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (3) Kif stabbilit fil-premessa (18) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-danni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

1.2. Proċedura sussegwenti

- (4) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li abbażi tagħhom ġie impost dazju antidumping proviżorju ("id-divulgazzjoni proviżorja"), għadd ta' partijiet interessati ressqu preżentazzjonijiet bil-miktub biex jespri mu l-fehmiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet proviżorji. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità.
- (5) Saret seduta ta' smiġħ fuq talba tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ Ċiniża, fil-preżenza ta' rappreżentanti ta' produttur esportatur wieħed, Sinosweet Co., Ltd. Il-punti ewlenin imqajma kienu l-possibbiltà li jinkiseb impenn fuq il-prezz, kif ukoll talbiet oħra u kummenti dwar il-kalkoli tad-dumping. Il-kummenti ġew ifformalizzati iktar tard f'sottomissjoni, u dawn huma indirizzati f'dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/262 tal-25 ta' Frar 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-aspartam li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 50, 26.2.2016, p. 4).

- (6) L-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali kien mitlub minn wieħed mill-produtturi esportaturi, Changmao Biochemical Engineering Co., Ltd. Il-punti ewlenin diskussi kienu r-raġunijiet taċ-ċaħda tat-trattament tal-ekonomija tas-suq, l-għażla tal-pajjiż analogu, il-ħtieġa għal aġġustamenti meta jiġi stabbilit it-twaqqiġ tal-prezzijiet u l-allegat nuqqas ta' rabta kawżali bejn il-ħsara materjali u l-importazzjonijiet iddampjati.
- (7) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti verbali u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati, u meta f'loku, immodifikat il-konklużjonijiet proviżorji skont dan.
- (8) Il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, abbażi ta' liema kien beħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-aspartam li joriġinaw mir-RPĊ u tiġbor b'mod definittiv l-ammonti garantiti permezz ta' dazju proviżorju ("id-divulgazzjoni definittiva"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni finali.
- (9) Fejn xieraq il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu.

1.3. Teħid ta' kampjuni

- (10) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni tal-importaturi, il-premessi minn (8) sa (10) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.
- (11) Fl-assenza ta' kull kumment dwar it-teħid ta' kampjuni tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-premessi (11) sa (12) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.
- (12) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-eżami individwali, il-premessa (13) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

1.4. Formola ta' talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")

- (13) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw it-talbiet għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES"), il-premessa (14) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

- (14) Il-prodott ikkonċernat, kif definit u ċċarati aktar fil-premessi (19) sa (22) tar-Regolament proviżorju huwa l-aspartam (N-L- α -Aspartil-L-fenilalanina-1-metil ester, 3-amino-N-(α -karbometossi-fenetil)-aċidu suċċinamiku-N-metil ester), CAS RN 22839-47-0, li joriġina mir-RPĊ, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2924 29 98 ("il-prodott ikkonċernat", jew "il-prodott simili").
- (15) Wara l-iżvelar proviżorju l-industrija tal-Unjoni tenniet it-tħassib tagħha dwar evażjoni possibbli ta' miżuri permezz ta' taħlit u preparazzjonijiet li fihom l-aspartam. L-industrija tal-Unjoni sostniet ukoll li ma jkunx hemm diffikultajiet bl-implimentazzjoni jekk id-dazji fuq tali taħlitiet u preparazzjonijiet jiġu imposti. Bħala eżempju hija semmiet investigazzjoni oħra li tikkonċerna l-glutamat tal-monosodju fl-Istati Uniti.
- (16) B'risposta għal dan il-kumment huwa nnutat li investigazzjoni reċenti illi kienet tikkonċerna prodott simili fl-istadju definittiv ikkonkludiet li għadd ta' Stati Membri u l-Isvizzera ltaqgħu ma' diffikultajiet konsiderevoli fl-implimentazzjoni minħabba l-inklużjoni ta' tali taħlitiet u preparazzjonijiet fil-prodott ikkonċernat. Bħala konsegwenza, ġie deċiż li jitneħħew fl-istadju definittiv mid-definizzjoni tal-prodott. Minħabba s-similaritajiet fil-prodotti (dolċifikanti bl-istess applikazzjonijiet fis-setturi tal-ikel, tax-xorb u l-farmaċewtiċi) huwa ferm probabbli li problemi simili jistgħu jsejnhu f'dan il-każ.

- (17) Aktar importanti minn hekk, is-sejbiet tal-investigazzjoni ma appoġġjawx id-dikjarazzjoni li r-riskju ta' evażjoni permezz ta' taħlit u preparazzjonijiet kien għoli. Utenti koperanti ikkonfermaw li kull prodott downstream u f'kull prodott downstream it-tip/ditta jeħtieġu proporzjonijiet differenti ta' dulċifikanti differenti u għalhekk importazzjoni separata għal kull taħlita tkun kompletament imprattikabbli. Barra minn hekk, l-importazzjoni ta' aspartam f'forma likwida (bħala taħlita bl-ilma) tkun teħtieġ arranġamenti ta' imballaġġ u trasportazzjoni kompletament differenti u iktar għaljin b'mod sinifikanti.
- (18) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-definizzjoni tal-prodott fil-premessa (22) tar-Regolament proviżorju tinżamm.

2.2. Prodott Simili

- (19) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-prodott simili, il-premessa (23) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

3. ID-DUMPING

3.1. Il-valur normali

3.1.1. *Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")*

- (20) Kif imsemmi fil-premessa (26) tar-Regolament proviżorju, it-talba tat-TES ippreżentata minn produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun ġiet miċħuda minħabba li l-investigazzjoni wriet li ma rrispettatx il-kriterji 2 u 3 tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. Il-parti tenniet issostni li tissodisfa dawn il-kriterji. Fir-rigward tal-kriterju 2, madankollu, hija ma pprovdiet l-ebda evidenza ġdida jew argumenti ta' biex tiġi eżaminata mill-ġdid l-ewalwazzjoni proviżorja.
- (21) Fir-rigward tal-kriterju 3, il-parti rreferiet għal sentenza reċenti tal-Qorti Ġenerali ⁽¹⁾ fejn il-Qorti ma qablitx mal-analiżi tal-inċentivi fiskali tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan il-kriterju. Huwa nnotat li s-sentenza għadha ma daħlitx fis-seħħ. Kif imfakkar fil-premessa (31) tar-Regolament proviżorju, kull każ jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu stess, jiġifieri fuq il-bażi tal-fatti kollha disponibbli għall-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' aktar argumenti u fatti ġodda fir-rigward tas-sustanza tal-analiżi konkreta tal-inċentivi tat-taxxa f'dan il-każ, il-konklużjonijiet ma setgħux jiġu riveduti.
- (22) Matul il-laqgħa mal-Uffiċjal tas-Seduta, il-parti tenniet id-dikjarazzjoni indirizzata fil-premessa (29) tar-Regolament proviżorju li l-benefiċċju miksub minn għotjiet minn reġimi ta' taxxa preferenzjali għandu jiġi kkunsidrat bħala sussidji u b'hekk l-eżistenza ta' sussidji m'għandhiex tiġi kklassifikata bħala tagħwiġ ittrasferit mis-sistema preċedenti tal-ekonomija mhux tas-suq.
- (23) Kif imfakkar fil-premessa (32) tar-Regolament proviżorju, l-għan tal-valutazzjoni tat-TES huwa differenti minn dak ta' investigazzjoni kontra s-sussidji. Waqt li l-valutazzjoni tat-TES għandha l-għan li tistabbilixxi jekk kumpanija toperax skont il-kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni kontra s-sussidji għandha l-għan li tistabbilixxi jekk kumpanija bbenefikatx minn sussidji ta' kumpens abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex fl-UE ⁽²⁾. B'hekk dawn iż-żewġ kwistjonijiet għandhom il-bażi legali tagħhom stess u għandhom jiġu ttrattati b'mod separat. Biex jiġu ssodisfati, wieħed mill-aspetti rilevanti għall-valutazzjoni tal-kriterju 3 huwa jekk il-kostijiet tal-produzzjoni u l-qagħda finanzjarja tal-kumpaniji investigati humiex soġġetti għal distorsjonijiet sinifikanti li nirtu mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq u mhux jekk kumpanija bbenefikatx minn sussidji ta' kumpens.
- (24) Fi kwalunkwe każ, il-premessa (29) tar-Regolament proviżorju tispjega li dan il-produttur esportatur ma jissodisfax il-kriterju 3, mhux biss minħabba l-inċentivi fiskali li rċieva, iżda wkoll minħabba l-benefiċċju miksub għax-xiri ta' drittijiet ta' użu tal-art. Fir-rigward tad-drittijiet tal-użu tal-art, il-parti sostniet li s-sett ta' dokumentazzjoni sottomessa fil-każ preżenti kien identiku għal dak sottomess fiż-żewġ investigazzjonijiet preċedenti fejn

⁽¹⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2016 — Xinyi PV Products (Anhui) Holdings vs Il-Kummissjoni, Il-Kawża T-586/14 (ĠU C 156, 2.5.2016, p. 36). Is-sentenza ġiet appellata, Il-Kawża C-301/16 P.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

eventwalment kisbet it-TES. Madankollu, il-konklużjoni li l-kriterju 3 ma ġiex sodisfatt ma kienx biss ibbażat fuq dokumenti ppreżentati fl-investigazzjonijiet preċedenti, iżda wkoll fuq provi ġodda miġbura matul l-investigazzjoni preżenti, jiġifieri rapport ta' valutazzjoni ta' proprjetà stabbilit minn awditur indipendenti. Dan id-dokument huwa anness ma' prospett ippubblikat dwar il-borża ta' Hong Kong għall-attenzjoni ta' investituri potenzjali. Ir-rapport juri li hemm differenza ċara bejn il-prezz imħallas mill-produttur esportatur għad-dritt tiegħu li juża l-art u l-valur tas-suq. Fuq dik il-bażi, ġie kkunsidrat li l-parti ma kisbitx id-dritt tal-użu tal-art skont il-valur tas-suq u l-kriterju 3 ma ġiex ikkunsidrat bħala sodisfatt.

- (25) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-dikjarazzjoni tal-produttur esportatur hija miċħuda u l-premessi (24) u (37) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.2. *Għażla tal-pajjiż analogu*

- (26) Wara żvelar proviżorju, tliet partijiet interessati qajmu tħassib dwar l-għażla tal-Ġappun bħala pajjiż analogu u, b'mod partikolari, il-produttur Ajinomoto Co., Japan ("Ajinomoto Japan"), il-kumpanija ewlenija tal-ilmentatur u l-istabbiliment tal-valur normali għar-RPĊ fuq il-bażi ta' dan il-pajjiż.
- (27) Il-Partijiet sostnew b'mod partikolari li l-Ajinomoto Japan tgawdi minn pożizzjoni ta' monopolju fis-suq domestiku tagħha meta tkun f'pożizzjoni li tikseb prezz ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' swieq oħra, bħall-Korea jew ir-RPĊ fejn il-kompetizzjoni tkun qed isseħħ. Matul is-seduta li saret mill-Uffiċjal tas-Seduta, parti waħda sostniet li Ajinomoto Japan għandha pożizzjoni dominanti fis-suq domestiku tagħha, b'sehem fis-suq ta' 100 % u għalhekk ma hemm l-ebda importazzjonijiet u l-ebda kompetizzjoni fil-Ġappun. Barra minn hekk, il-Partijiet jikkunsidraw li l-Ġappun ċarament mhux pajjiż analogu adattat għax id-differenzi bejn is-swieq Ċiniżi u Ġappuniżi huma ċari u jidhru mil-livell għoli tal-marġini tad-dumping misjuba fir-Regolament proviżorju. Huma sostnew ukoll li l-preżenza ta' bosta produttori domestiċi tagħmel is-suq domestiku Ċiniż aktar kompetittiv, u li l-profitt irrekordjat mill-produttori Ċiniżi fis-suq domestiku tagħhom huwa sostanzjalment aktar baxx minn dak irrappurtat mill-produttur tal-pajjiż analogu.
- (28) Parti oħra ddikjarat li l-għażla tal-Ġappun bħala pajjiż analogu hija l-agħar xenarju possibbli u li r-riżultat tat-tqabbil bejn il-prezzijiet fil-Ġappun u l-prezzijiet Ċiniżi juri li mhijiex għażla realistika jew raġonevoli.
- (29) Fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni fittxet kooperazzjoni minn pajjiżi terzi oħra sabiex tagħżel pajjiż analogu xieraq. L-investigazzjoni żvelat li l-produzzjoni dinjija tal-aspartam kienet ikkonċentrata fi ftit pajjiżi: ir-RPĊ, Franza, il-Ġappun u l-Korea. Il-produttori magħrufa fil-Korea u fil-Ġappun ġew ikkuntattjati. L-uniku produttur Korean magħruf irrifjuta li jikkoopera. Kif diskuss fl-istadju proviżorju, il-produttur fil-Ġappun biss qabel li jikkoopera u l-Ġappun kien l-uniku pajjiż terz b'ekonomija tas-suq disponibbli bħala pajjiż analogu. Id-dejta tiegħu intużat biex jiġu stabbiliti l-valuri normali fir-Regolament proviżorju.
- (30) Il-Kummissjoni tinnota li l-għażla tal-Ġappun hija kkontestata minn diversi partijiet, b'mod partikolari għas-sehem għoli ta' Ajinomoto fis-suq domestiku tal-Ġappun u l-allegata kompetizzjoni limitata f'dan is-suq. Madankollu, il-partijiet ma pprovdew l-ebda element li jsostni l-allegazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. L-investigazzjoni ma wrietx li l-Ġappun ma kienx suq miftuħ minħabba restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, bħal dazji doganali jew tariffi oħra għoljin u restrizzjonijiet kwantitattivi u fil-fatt żvelat li hemm importazzjonijiet ta' aspartam irrappurtati fis-suq Ġappuniż, inklużi mir-RPĊ u l-Korea.
- (31) Madankollu, sabiex tivvaluta l-adeqwatezza tal-Ġappun bħala pajjiż analogu għall-RPĊ, il-Kummissjoni eżaminat ukoll l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fejn il-prezzijiet tal-prodott simili jiġu stabbiliti fil-Ġappun. Kif diġà ġie nnotat, produttur wieħed biss huwa attiv fis-suq Ġappuniż li jikkompeti ma' importazzjonijiet mir-RPĊ u l-Korea. Aktar importanti minn hekk, il-marġni tal-profitt tal-produttur Ġappuniż miksuba fuq il-klijenti instabu illi varjaw ħafna bejn tipi u daqsijiet ta' klijenti. L-investigazzjoni ma wriet l-ebda raġuni razzjonali għad-differenza wiesgħa bejn il-marġni ta' profitt. B'mod partikolari, ma nstabx li l-varjazzjonijiet fil-marġni ta' profitt jistgħu jiġu spjegati permezz tal-kwantità mibjugħa, pereżempju. Għalhekk, fid-dawl ta' din il-kwistjoni pendenti, kien ikkunsidrat li l-użu tal-prezzijiet li jagħtu tali varjazzjoni irrazzjonali tal-profitti tirrendi d-determinazzjoni tal-valur normali mhux xierqa u mhux raġonevoli.

- (32) Fuq dik il-bażi, fl-istadju definittiv, il-Kummissjoni kellha tirrikorri għal kull bażi raġonevoli oħra għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Għal dak l-għan, il-valur normali għar-RPĊ kien ibbażat fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, aġġustati kif suppost biex jinkludi marġni ta' profitt raġonevoli.

3.1.3. Il-valur normali

- (33) Il-prezzijiet tal-uniku produttur tal-Unjoni għall-prodott simili fis-suq tal-Unjoni kienu użati bħala bażi raġjonevoli għad-determinazzjoni tal-valur normali għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ li ma ngħatawx TES, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.
- (34) L-ewwel nett, il-Kummissjoni eżaminat jekk, b'mod konformi mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-volum totali tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fl-Unjoni kienx globalment rappreżentattiv. Għal dan il-għan, dan il-volum totali tal-bejgħ ġie mqabbel mal-volum totali tal-prodott ikkonċernat esportat minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun lejn l-Unjoni. Fuq dik il-bażi, instab li l-produttur tal-Unjoni biegħ il-prodott simili fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq tal-Unjoni.
- (35) It-tieni nett, il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi ta' prodotti mibjugħa domestikament mill-produttur tal-Unjoni li kienu identiċi mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun. Hija għamlet it-tqabbil fuq bażi tat-tip ta' prodott tal-volum tal-bejgħ fl-Unjoni mal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni minn kull produttur esportatur fil-kampjun. Dan it-tqabbil wera li tip wieħed biss ta' prodott immanifatturat fl-Unjoni jaqbel kompletament mat-tip ta' prodott esportat mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun.
- (36) Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat għall-produttur tal-Unjoni dan it-tip ta' prodott li jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni setax jitqies li kien jinbiegħ fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ kif iddefinita fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott irrispettivament jekk dan il-bejgħ huwiex profittabbli u sew jekk mhuwieq, jekk il-volum mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew oġhla mill-prezz ikkalkolat tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott huwa daqs jew oġhla mill-kost ta' produzzjoni għal kull unità. Billi dan it-tip ta' prodott ma kienx ta' profitt, il-valur normali ma setax ikun ibbażat fuq il-medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni iżda kellu jiġi kkalkulat kif spjegat fil-premessa (37) hawn taħt.
- (37) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti esportati mir-RPĊ lejn l-Unjoni u mhux mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-valur normali kostrutt ibbażat fuq l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku. Biex jinbena valur normali għal dawn it-tipi u t-tip ta' prodott mhux profittabbli diskuss fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kost medju tal-produzzjoni tal-eqreb tipi tal-prodott magħmula mill-produttur tal-Unjoni u żiedet ammont għall-ispejż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitt korrispondenti tal-ammonti medji ponderati mġarrba mill-produttur tal-Unjoni fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament ordinarju tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (38) Barra minn hekk, bi tweġiba għal dikjarazzjoni minn parti dwar l-allegat nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar il-karatteristiċi tal-prodott, huwa ċċarat li kuntrarju għal prodott oħra soġġetti għal investigazzjonijiet antidumping, bħal ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar mir-RPĊ, il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fl-investigazzjoni preżenti huma pjuttost omoġenji b'tipi u varjazzjonijiet limitati. Bħala eżempju, ħafna mit-tipi ta' prodott mibjugħin mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom eżattament l-istess karatteristiċi bażiċi dwar l-użu, il-konċentrazzjoni, l-imballaġġ u l-kompożizzjoni.
- (39) Madankollu, biex tkun spjegata wkoll il-metodoloġija segwita għall-istabbiliment tal-valur normali, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni identifikat sitt karatteristiċi speċifiċi li kienu rilevanti għad-definizzjoni dettaljata tat-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat: il-forma fiżika, il-konċentrazzjoni, it-tip ta' ppakkjar, id-daqs tal-ippakkjar, l-użu u l-kompożizzjoni. Ħames tipi ta' prodott kienu esportata mir-RPĊ lejn l-Unjoni u, għal dawn it-tipi, karatteristika waħda biss instabet li kienet differenti mit-tipi mibjugħa fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (40) Bħala parti mill-iżvelar finali, il-Kummissjoni żvelat lil kull produttur esportatur Ċiniż il-karatteristiċi u t-tip ta' prodott li użat fil-kostruzzjoni tal-valuri normali rigward it-tipi kollha ta' prodott inklużi t-tipi esportati mir-RPĊ lejn l-Unjoni li ma kinux jaqblu kompletament mat-tipi mibjugħa fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni kif spjegat fil-premessa (35) u (39) hawn fuq.

3.2. Prezz tal-esportazzjoni

- (41) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-prezzijiet ta' esportazzjoni, il-premessi minn (51) sa (53) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.3. Tqabbil

- (42) Parti waħda ma qablitx maċ-ċaħda tat-talba tagħha għal aġġustament għall-konverżjoni tar-rata tal-kambju tar-riżolviment tagħha tal-kuntratti fuq il-bażi tal-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku. Kif spjegat fil-premessa (57) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni wriet li ma kien hemm l-ebda rabta diretta bejn kuntratti ta' kambju barrani u kuntratt ta' bejgħ ta' esportazzjoni kummerċjali. Il-parti ma pprovdiet l-ebda evidenza ġdida jew argumenti ta' natura li tiġi eżaminata mill-ġdid l-evalwazzjoni proviżorja.
- (43) Fuq il-bażi ta' dan l'hawn fuq, id-dikjarazzjoni tal-produttur esportatur ġiet miċħuda. Barra minn hekk, minħabba l-użu ta' prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali, m'hemmx bżonn li jiġu indirizzati kummenti rigward it-tqabbil tal-prodott simili Ġappuniż mal-prodott ikkonċernat.

3.4. Kummenti wara d-divulgazzjoni finali

- (44) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand tliet partijiet interessati.
- (45) L-ewwel parti interessata ddikjarat li d-dejta tal-ilmentatur m'għandhiex tintuża għad-determinazzjoni tal-valur normali peress li tkun preġudikata u mhux newtrali. Il-parti interessata tqis li l-unika għażla hija li tintuża d-dejta Ċiniża.
- (46) Id-dejta tal-produttur tal-Unjoni li fuq il-bażi tagħha l-valur normali ġie stabbilit ġiet verifikata fuq il-post u nstabet li hija affidabbli u preċiża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-relazzjoni tal-produttur Ġappuniż mal-produttur tal-Unjoni mhijiex ostaklu għall-użu tad-dejta tal-produttur tal-Unjoni. L-użu ta' dejta tal-Unjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali hija prevista fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant id-dikjarazzjoni ma ntlax.
- (47) L-istess parti interessata ddikjarat li d-deċiżjoni li tintuża d-dejta tal-industrija tal-Unjoni kisret id-dritt tagħha li tiġi informata fi żmien xieraq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkunsidra l-iżvelar bħala suffiċjenti peress li kien fi h dejta relatata mal-produttur tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-parti kkonċernata nġhatat l-oportunità biex tikkummenta.
- (48) Fl-aħħar nett, l-istess parti interessata sostniet li kien hemm differenzi fil-kostijiet tal-produzzjoni bejn il-produttur tal-Unjoni u l-produttur Ċiniż biex jiproduċu l-aspartam, b'mod partikolari għal proċess ta' produzzjoni, għas-servizzi addizzjonali pprovduti, it-tip tal-enerġija użata, minħabba l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet regolatorji addizzjonali, bħal rekwiżiti dwar metalli tqal, l-arseniku, koliformi, E. coli, l-aċċess għall-materja prima, l-ispejjeż tal-privattivi, 13-il xhar paga u l-kost tal-ippakkjar. Il-parti interessata allegat li daww id-differenzi jaffettwaw il-komparabilità tal-prezz bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni. Parti interessata oħra affermat li l-industrija tal-Unjoni ħallset it-tariffi tal-liċenzji fir-rigward tal-aspartam solubbli, prodott li mhuwiex prodott fir-RPĊ, u għalhekk titlob li l-kalkoli tad-dumping jiġu riveduti skont dan.
- (49) Il-partijiet interessati ma ssustanzjawx l-allegazzjonijiet tagħhom dwar l-allegati differenzi fil-kostijiet tal-produzzjoni li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, ma nġhatat l-ebda evidenza li l-konsumaturi b'mod konsistenti jħallsu prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba d-differenza ffatturi ta' din ix-xorta. Kemm il-prodotti domestiċi kif ukoll daww esportati jiġu pperċepiti bħala simili mill-perspettiva tal-konsumatur, li mhux lest li jħallas prezzijiet differenti. Fuq din il-bażi, dawn id-dikjarazzjonijiet huma miċħuda.
- (50) It-tielet parti interessata ddikjarat li l-Kummissjoni ma indikatx jekk, matul il-bini tal-valur normali, l-ammonti medji allokati għall-ispejjeż u l-profit SG&A kienux użati għall-prodotti kollha mibjugħa fl-Unjoni jew biss l-SG&A li jappartjenu għall-eqreb tip ta' prodott. L-ewwel waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-profitabbiltà

ma tistax taqbeż 3 % minħabba s-sitwazzjoni tan-negozju tal-aspartam. Il-Kummissjoni tfakkar, kif spjegat fil-premessa (50) tar-Regolament proviżorju, li għall-bini tal-valuri normali, żiedet ammont raġonevoli għall-ispejjeż u l-profit SG&A li jikkorrispondi għall-medja peżata tal-ammonti attwalment magħmula mill-produttur tal-Unjoni fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ matul il-perjodu tal-investi-gazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

- (51) It-tielet parti interessata tenniet it-talba tagħha għal aġġustament għall-konverżjoni tar-rata tal-kambju fil-kuntratti ta' riżolviment tagħha. Madankollu, fin-nuqqas ta' kull evidenza ġdida jew argumenti ta' natura li tiġi eżaminata mill-ġdid l-evalwazzjoni proviżorja, it-talba hija miċħuda.
- (52) L-ewwel parti interessata tenniet id-dikjarazzjoni tagħha li r-rifjut ta' TES ma kienx ġustifikat u tikkontradixxi d-determinazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni kif ukoll li l-inċentivi fiskali u l-għotjiet ma għandhomx jitqiesu bħala distorsjoni ttrasferita minn ekonomija mhux tas-suq. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma indirizzati fil-premessi (21) sa (23).
- (53) Barra minn hekk, din il-parti interessata sostniet li l-prospett imsemmi fil-premessa (24) tqies fit-tbassir preċedenti ta' determinazzjonijiet tat-TES.
- (54) Dik il-parti interessata ma wrietx li dan id-dokument kellu effett fuq l-evalwazzjoni tal-kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-użu tal-art fid-determinazzjonijiet preċedenti tat-TES. Fi kwalunkwe każ, għal kull investigazzjoni d-deċiżjoni tat-TES hija magħmula b'mod indipendenti, abbażi taċ-ċirkustanzi speċifiċi rilevanti għall-investi-gazzjoni.
- (55) Din il-parti interessata argumentat ukoll li l-valutazzjoni tal-prospett ma tistax titqabbel mal-prezz tax-xiri tal-kuntratt billi l-art mibjugħa kienet mingħajr trattament u ppreparata.
- (56) Rigward il-valutazzjoni tad-drittijiet tal-użu tal-art, il-Kummissjoni żvelat lill-parti interessata l-metodoloġija dettaljata użata biex tikkalkula d-differenza bejn il-valur tas-suq u l-kostijiet attwali. F'dan ir-rigward, il-kost totali tal-bini ġie mnaqqas mill-istima totali għall-pakkett fil-bini u l-istrutturi. Id-differenza ta' + 35 % kienet sinifikanti u tista' tiġi spjegata biss bi prezz ta' trasferiment ferm taħt valur tas-suq ġust fil-ħin tat-tranżazzjoni bejn il-kumpanija u l-awtoritajiet lokali. Il-fatt li, kif allegat mill-parti interessata, f'investigazzjonijiet preċedenti, dik id-differenza bejn il-valur tas-suq ġust u l-kostijiet reali ġiet evalwata b'mod differenti ma jbiddux is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni.

3.5. Marġnijiet tad-dumping

- (57) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor, il-marġni proviżorji ta' dumping kif stabbiliti fil-premessi (61) sa (67) tar-Regolament proviżorju huma ikkonfermati u l-marġni tad-dumping definittivi, kif espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma li ġejjin:

Kumpanija	Marġini ta' Dumping definittiv %
Changmao Biochemical Engineering Co Ltd;	124,0
Grupp Sinosweet	126,0
Grupp Niutang	121,4
Il-kumpaniji oħrajn kollha li kkooperaw	124,6
Il-kumpaniji l-oħra kollha	126,0

4. DANNU

4.1. Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (58) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-premessi minn (68) sa (69) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4.2. Il-konsum tal-Unjoni

- (59) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-konsum tal-Unjoni, il-premessi minn (70) sa (73) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4.3. Importazzjonijiet mir-RPĊ

4.3.1. Il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

- (60) Parti waħda sostniet li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew miksura minħabba li l-istatistika tal-importazzjoni ma ġietx magħmula pubblika. Din il-parti talbet ukoll spjegazzjoni dwar kif dawn il-volumi u l-valuri tal-prodott konċernat kienu mnaqqsa mill-istatistiċi disponibbli u talbet kjarifika dwar ma' liema bażi tad-dejta u kif dawn il-volumi/valuri kienu ċċekkjati kif imsemmi fil-premessa (71) tar-Regolament proviżorju. Il-parti talbet li jkollha aċċess għal statistiċi ta' importazzjoni.
- (61) Il-Kummissjoni tikkonferma li l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu stabbiliti fuq il-bażi tad-dejta pprovduta minn kumpanija tar-riċerka bbażata fiċ-Ċina, CCM⁽¹⁾. Din id-dejta ġiet kontroverifikata mal-informazzjoni disponibbli fil-Bażi ta' dejta uffiċjali tal-Esportazzjoni Ċiniża li tinżamm mill-awtoritajiet doganali Ċiniżi. Id-dejta miksuba mill-Bażi tad-dejta tal-Esportazzjoni Ċiniża hija disponibbli fil-fajl mhux kunfidenzjali għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati. Barra minn hekk, hija disponibbli wkoll pubblikament bi ħlas. Kemm is-CCM u l-Bażi tad-dejta tal-Esportazzjoni Ċiniża għandhom kodiċi speċifiku (29242930) esklussivament għall-aspartam u għalhekk kienu speċifiċi biżżejjed u l-ebda tnaqqis ma kien meħtieġ.
- (62) L-unità ta' kejl fil-premessa (76) u t-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju għandha żball klerikali. Il-prezzijiet indikati fil-premessa (76) u fit-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju jikkonċernaw EUR/kg u mhux EUR/tunnellata.
- (63) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konstatazzjonijiet tar-Regolament proviżorju li jikkonċernaw il-volum, is-sehem tas-suq u l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kif deskritti fil-premessi (74) sa (77) huma kkonfermati u l-unità tal-kejl fil-premessa (76) u t-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju hija kkoreġuta għal EUR/kg.

4.3.2. It-twaqqigħ tal-prezz

- (64) Parti interessata waħda talbet lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz billi jittieħed kont tad-differenzi fit-tip ta' ppakkjar. Din il-parti pprovdiet kwotazzjonijiet tal-prezzijiet għal materjali differenti ta' pakkeġġjar biex issostni d-dikjarazzjoni tagħha. Parti oħra ddikjarat li l-kalkolu tat-twaqqigħ fil-prezz għandu jqis id-differenzi fil-proċess tal-produzzjoni u l-prezz tax-xiri tal-materja prima minħabba t-trasport tal-merkanzija bil-baħar u l-assigurazzjoni internazzjonali minħabba li dawn il-parametri allegatament kellhom effett sinifikattiv fuq il-prezz tal-prodott finali.

⁽¹⁾ CCM Information Sciences and Technology Co., Ltd. hija kumpanija ta' riċerka li tipprovi informazzjoni dwar is-suq, esplorazzjoni ta' dejta, dejta ta' riċerka u servizzi ta' konsulenza. www.cnchemicals.com.

- (65) Parti waħda interessata ddikjarat ukoll li minħabba li l-industrija tal-Unjoni ma tilfitx sehem tas-suq, it-tnaqqis fil-prezz ma huwa tal-ebda konsegwenza peress li jkun rilevanti biss meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ jkollhom sehem fis-suq tal-industrija tal-Unjoni.
- (66) L-ewwel nett, kif spjegat fil-premessa (79) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni żvelat li l-imballaġġ mhuwiex mutur tal-prezz. Barra minn hekk, mill-analiżi tal-kwotazzjonijiet ipprovduti mill-parti, il-Kummissjoni sabet li dawn jżvelaw differenza massima ta' 0,33 RMB/kg tal-kostijiet tal-ippakkjar (ekwivalenti għal 0,046 EUR/kg) li huwa negliġibbli għal prodott bi prezz medju iżjed jew madwar 10 EUR/kg.
- (67) Min-naħa l-oħra, il-kalkoli tad-dannu huma bbażati fuq prezzijiet komparabbli tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni kif spjegat fil-premessa (78) tar-Regolament proviżorju. Kull differenza bejn ir-RPĊ u l-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-prezz tal-materja prima trid tiġi murija li taffettwa l-komparabilità tal-prezz. Mhuwiex rari li produtturi f'pajjiż wieħed jixtru materja prima bi prezzijiet differenti minn produtturi f'pajjiż ieħor. Madankollu, tali differenza fil-kostijiet mhux bilfors twassal għal differenza fil-prezzijiet jew taffettwa neċessarjament il-paragun ġust tal-prezzijiet peress li hija biss waħda fost l-elementi tal-prezz u mhux kollha. Fi kwalunkwe każ, il-parti interessata naqset milli tissostanzja l-argument tagħha kif l-allegata differenza fil-kostijiet tal-materja prima taffettwa l-komparabilità tal-prezzijiet. Bħala konsegwenza, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.
- (68) It-tielet nett, l-investigazzjoni stabbiliet li l-proċess tal-produzzjoni użat mill-produttur tal-Unjoni u l-produtturi esportaturi Ċiniżi huma simili. Barra minn hekk il-parti interessata naqset milli tissostanzja x'tip ta' aġġustament għandu jsir minħabba d-differenza fil-proċess tal-produzzjoni, jekk ikun hemm. Għalhekk, din id-dikjarazzjoni mhix qed tiġi aċċettata.
- (69) Wara d-divulgazzjoni finali, il-parti interessata tenniet id-dikjarazzjoni tagħha li d-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezz kif elenkati fi premessa (48) għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kalkoli tat-tnaqqis tal-prezz. Barra minn hekk, din il-parti interessata sostniet li għal wieħed mill-klijenti tagħha, kummerċjant, għandu jiġi inkluż marġinu ta' qligħ fil-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz.
- (70) L-investigazzjoni ma sabet li hemm vantaġġ fil-prezz fuq il-prodott simili li huwa prodott kummerċjali. L-investigazzjoni sabet li ma hemm l-ebda differenza ta' kwalità jew kull differenza oħra bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili li tkun sistematikament riflessa fil-prezzijiet. Rigward id-dikjarazzjoni dwar żieda ta' marġini ta' profitt mal-kostijiet ta' wara l-importazzjoni ta' kummerċjant, il-Kummissjoni tfakkar li l-kalkoli huma bbażati fuq il-prezzijiet imħallsa mill-ewwel klijenti indipendenti, irrispettivament minn jekk ikun kummerċjanti jew le. Għaldaqstant daww l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.
- (71) L-allegazzjoni li t-twaqqiġ tal-prezzijiet huwa rilevanti biss f'każijiet fejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ikopru s-sehem mis-suq tal-industrija m'għandha l-ebda mertu u ma tirriflettix il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku. Dan l-argument ġie miċħud.
- (72) Wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata kkontestat il-konklużjoni tal-Kummissjoni u ddikjarat li t-twaqqiġ tal-prezz ma ħalliex impatt b'mod materjali fuq il-parametri ekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni.
- (73) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikoli 3(3) u 3(6) tar-Regolament bażiku jippermettu li d-determinazzjoni ta' ħsara tkun ibbażata fuq il-volum u/jew l-indikaturi tal-prezzijiet. Id-dikjarazzjoni dwar il-materjalità tat-twaqqiġ tal-prezz hija indirizzata fit-taqsima 4.5.
- (74) Fin-nuqqas ta' kull kument ieħor dwar it-twaqqiġ tal-prezz, il-premessi (78) sa (80) tar-Regolament proviżorju huma konfirmati.

4.4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

Fin-nuqqas ta' kummenti li jkkontestaw iċ-ċifri u x-xejriet li jiddeskrivu l-iżvilupp tal-indikaturi tad-dannu, is-sejbiet fil-premessi (81) sa (100) tar-Regolament proviżorju huma miżmuma.

4.5. Konklużjoni dwar id-dannu

- (75) Il-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ġiet ivvalutata skont l-eżami tal-fatturi ekonomiċi kollha speċifikati fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. L-indikaturi ekonomiċi kollha (bl-eċċezzjoni ta' sehem mis-suq u l-kapaċità ta' produzzjoni) iddeterjoraw matul il-perjodu kkunsidrat. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li sabiex jiġi stabbilit id-dannu, mhux l-indikaturi kollha għandhom juru tendenza ta' dannu billi l-ebda minnhom ma huwa deċiżiv f'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.
- (76) B'mod partikolari, l-investigazzjoni stabbiliet li minħabba l-volumi kbar ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping li kienu orħos ferm mill-prezzijiet tal-Unjoni (b' 21,1 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni), l-industrija tal-Unjoni ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minkejja s-sitwazzjoni agħar fil-kost. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ kellu impatt negattiv dirett fuq il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investment tagħha. Id-deterjorament sinifikanti ta' dawk l-indikaturi tad-dannu huwa sinjal ċar ta' dannu materjali kkawżat minn importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Il-parti interessata ma pprovdiet l-ebda evidenza għda jew argumenti li jikkontestaw din il-konklużjoni.
- (77) Il-parti interessata staqsiet jekk l-industrija tal-Unjoni kinitx sfurzata tnaqqas il-prezzijiet tagħha biex iżżomm is-sehem mis-suq tagħha peress li minkejja t-tnaqqis tal-prezzijiet ta' 21,1 % hi naqqset il-prezzijiet tagħha b' 7 % biss.
- (78) Bi tweġiba għal dan l-argument, huwa importanti li jiġi enfasizzat li t-tnaqqis tal-prezzijiet mhux sempliċi tqabbil tal-prezzijiet iżda jsegwi l-metodoloġija kif deskritt fil-premessi (78) sa (80) tar-Regolament proviżorju u b'hekk il-kobor tiegħu mhux neċessarjament jirrifletti l-iżvilupp tal-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, qed jiġi mfakkar li l-industrija tal-Unjoni bilfors kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha b'mod kontinwu matul il-perjodu kkunsidrat minkejja s-sitwazzjoni ekonomika li sejra lura u minħabba li kienet diġà qed tagħmel telf fl-2013. Fid-dawl ta' dan, tnaqqis fil-prezz ta' 7 % ma jistax jitqies bħala mhux sinifikanti.
- (79) Ibbażata fuq dan t'hawn fuq, il-konklużjoni milħuqa fil-premessa 106 tar-Regolament proviżorju li l-industrija tal-Unjoni soffriet danni materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku hija kkonfermata.

5. KAWŻALITÀ

5.1. L-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

- (80) Xi partijiet qalu li ċerti indikaturi bħalma huma l-kapaċità tal-produzzjoni ma jsegwux xejra dannuża u oħrajn bħall-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-livell tal-prezz tal-bejgħ kellhom jiġu analizzati fil-kuntest ta' konsum li naqas matul il-perjodu kkunsidrat.
- (81) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità ta' produzzjoni, din tabilħaqq baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Dan huwa dovut għall-fatt li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti minn produttur wieħed li għandu faċilità ta' produzzjoni integrata magħmula minn fażijiet tal-produzzjoni allinjati bir-reqqa li jillimitaw il-possibiltà ta' tnaqqis tal-kapaċità għall-għarrieda mingħajr arraġamenti mill-ġdid kbar u għaljin. L-industrija tal-Unjoni madankollu taffiet l-effetti tat-tnaqqis fid-domanda permezz ta' waqfien estiż tal-produzzjoni kif spjegat fil-premessa (84) tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni naqqset il-kost fiss tagħha biex tnaqqas l-effett tat-tnaqqis fid-domanda fuq il-kost tal-produzzjoni.
- (82) Wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata waħda allegat li ma ġewx ipprovduti dettalji dwar kif l-industrija tal-Unjoni naqqset il-kostijiet fissi tagħha. Barra minn hekk, din il-parti interessata sostniet ukoll li kull tnaqqis fil-kostijiet fissi kien marġinali, l-iktar l-iktar. Il-parti interessata argumentat li l-industrija tal-Unjoni naqqset milli tadatta għat-tibdil fis-suq tal-Unjoni u li, konsegwentement, kull dannu sofrut sar minnha stess.
- (83) Bi tweġiba, il-Kummissjoni tfakkar li d-dettalji dwar it-tnaqqis tal-kostijiet fissi magħmula mill-industrija tal-Unjoni kienu pprovduti fil-premessa (84) tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni adattat għat-tnaqqis fid-domanda billi aġġustat il-proċess tagħha tal-produzzjoni għal rata ta' produzzjoni aktar

baxxa. Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa l-iżvilupp tal-kostijiet fissi matul il-perjodu kkunsidrat. L-investigazzjoni żvelat li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tnaqqas il-kostijiet fissi u ġenerali tagħha b'mod sinifikanti u bħala riżultat fl-istess perjodu il-kostijiet fissi għal kull tunnellata żdied b' 24 % biss. Kieku l-industrija tal-Unjoni ma ħaditx l-azzjonijiet ta' hawn fuq u dawk deskritti fil-premessa (84) tar-Regolament proviżorju l-kostijiet fissi kienu jżiedu b'66 %. Fid-dawl ta' dan il-Kummissjoni ssostni l-konklużjoni tagħha li l-industrija tal-Unjoni ħadet azzjoni xierqa biex tadatta għat-tnaqqis fil-bejgħ u rnexxielha tnaqqas il-kostijiet fissi tagħha b'mod sinifikanti. Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, id-dikjarazzjoni li l-ħsara hija awto-inflitta mhix ikkonfermata mis-sejbiet tal-investigazzjoni u għalhekk ġiet miċħuda.

- (84) L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ naqsu b' 12 % matul il-perjodu kkunsidrat. Din l-imġiba tal-prezzijiet ma tistax tiġi spjegata permezz tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping jirrappreżentaw proporzjon kbir tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni u b'hekk għandhom impatt importanti fuq dan is-suq, li huwa s-suq ewlieni tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif intqal fil-premessa (76) il-marġini li bih l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kien għoli daqs 21,1 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tnaqqas il-prezzijiet ta' bejgħ tagħha sabiex tibqa' attraenti biżżejjed u tillimita t-telf fil-volum tal-bejgħ u s-sehem tas-suq. Il-Kummissjoni għabret evidenza dwar negozjati ta' kuntratti li jinvolvu l-utenti u d-distributuri tal-aspartam li turi li l-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi jintuża biex jagħmel pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni. Dan kellu impatt negattiv dirett, b'mod partikolari fuq il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investment tal-industrija tal-Unjoni. Id-deterjorament ta' dawn l-indikaturi ta' dannu huwa għalhekk marbut direttament mal-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u din ir-rabta mhix mibdula minħabba tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni.
- (85) Fir-rigward tal-premessa (110) tar-Regolament proviżorju, parti waħda sostniet li s-sors ta' statistiċi dwar l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima għandhom isiru pubbliċi u esprimiet dubji dwar il-konstatazzjoni li żewġ materji primi jkopru biss 25 % tal-kost totali tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat/prodott simili. Abbażi tad-dejta dwar il-kost tal-parti, dawn iż-żewġ materji primi jikkostitwixxu madwar 50 % tal-kost totali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi u għalhekk il-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (110) tar-Regolament proviżorju.
- (86) L-informazzjoni li tikkonċerna l-prezzijiet tal-materja prima nkisbet minn CCM u sommarju miftuħ tagħha tqiegħed fil-fajl mhux kunfidenzjali għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati wara l-kummenti li waslu wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju.
- (87) Kif spjegat fil-premessa (110) tar-Regolament proviżorju, il-prodott ikkonċernat/prodott simili jiġi manifatturat billi jitħalltu iż-żewġ amminoaċidi (L-aspartiku u L-fenilalanina) bi kwantitajiet pjuttost indaqs. Mal-wasla tal-istatistika addizzjonali li tkopri l-PI meta mqabbel mas-sena kalendarja 2014, l-iżvilupp tal-prezz tal-materja prima ġie rivedut. Matul il-perjodu kkunsidrat il-prezz ta' L-aspartiku żdied b'1 % u dak ta' L-fenilalanina naqs b'23,6 %. Madankollu, din ir-reviżjoni tal-prezz tal-materja prima ma biddlitx il-konklużjoni milħuqa fl-istadju tal-provista li dawn iż-żewġ amminoaċidi flimkien jirrappreżentaw madwar 25 % tal-kost totali tal-produzzjoni għall-industrija tal-Unjoni. Dan huwa wkoll skont id-dejta tal-produttur tal-pajjiż analogu. Għall-kuntrarju ta' dak li qalet il-parti interessata, id-dejta dwar il-kost tagħha ma kinitx verifikata mill-Kummissjoni minħabba li ma kinitx suġġetta għal trattament ta' ekonomija tas-suq. Bħala riżultat, id-dejta dwar il-kost tagħha ma tistax tiġi kkunsidrata. Għalhekk, il-konstatazzjoni li iż-żewġ materji primi ewlenin jirrappreżentaw madwar 25 % tal-kost totali tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat/prodott simili tinżamm kif iddikjarat fil-premessa (110) tar-Regolament proviżorju.
- (88) Abbażi tad-dejta tal-istatistika aġġornata, l-impatt massimu tal-kost tal-materja prima fuq il-kost/l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili huwa tnaqqis ta' 4.6 %. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li tnaqqis fil-prezz tal-prodott ikkonċernat kienet ta' 12 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni kif dikjarat fil-premessa (77) tar-Regolament proviżorju. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li sostniet il-parti interessata, it-tnaqqis fil-prezz tal-materja prima ma jistax jispjega b'mod sinifikanti t-tnaqqis fil-prezz tal-prodott ikkonċernat u għalhekk ma jbidlilx il-konklużjoni milħuqa fil-premessa (110) tar-Regolament proviżorju; jiġifieri l-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu qed jipprattikaw imġiba pjuttost aggressiva ta' pprezzar fis-suq tal-Unjoni u kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.
- (89) Parti oħra ddikjarat li l-fatt li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm is-sehem tas-suq tagħha hija indikazzjoni ċara li l-importazzjonijiet mir-RPĊ ma huma qed jikkawżaw l-ebda dannu lill-industrija tal-Unjoni.
- (90) Fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-evoluzzjoni tal-ishma tas-suq hija kunsiderazzjoni waħda biss fl-analiżi tar-rabta każwali. Barra minn hekk, il-fatt li pressjoni sinifikanti fuq il-prezz eżerċitat mill-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu kkunsidrat ma ġiex tradott għal telf tas-sehem mis-suq tal-industrija

tal-Unjoni, u li għalhekk kemm il-produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll l-industrija tal-Unjoni żammu s-sehem tas-suq tagħhom jidher li jindika li s-suq tal-Unjoni huwa aktar riġidu milli kien ikun mistenni għal prodott ta' komodità. Il-prodott ikkonċernat/il-prodott simili għandu rwol pjuttost marġinali fil-kost tal-produzzjoni tal-utenti (inqas minn 3 %) filwaqt li fl-istess ħin fl-industrija tal-ikel u l-farmaċewtika il-fornituri huma soġġetti għal proċessi ta' ċertifikazzjoni twal u għaljin ħafna. Dan ifisser li — mill-anqas sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni — ħafna mill-utenti ppreferew li jżommu fornituri diġà ċertifikati u ta' fiduċja pjuttost milli jibdew proċess ta' ċertifikazzjoni bbażat fuq kwotazzjonijiet tal-prezzijiet.

- (91) Wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata minnhom iddikjarat li l-industrija tal-Unjoni naqqset il-prezzijiet tagħha matul il-perjodu b' 7 % "biss" li minnhom 4,6 % huwa minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima. Skont il-parti interessata, għalhekk, dak li verament ikkawża t-tnaqqis fil-prezz ta' bejgħ huwa l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima. Barra minn hekk, din il-parti interessata annwalizzat it-tnaqqis fil-prezz minħabba fatturi oħra, jiġifieri 2,4 %, osservat matul il-perjodu kkunsidrat u waslet għal EUR 0,056 għal kull kg kull sena. Minn dan, il-parti interessata kkonkludiet li huwa fl-istess firxa bħad-differenza fil-prezz osservata fil-materjali tal-imballaġġ li tqieset negliġibbli mill-Kummissjoni fil-premessa (66). Fuq din il-bażi, il-parti interessata sostniet li l-impatt tal-prezz ta' fatturi oħra ma jistax jitqies bħala materjali.
- (92) Bi tweġiba għal dan l-argument, huwa importanti li jiġi ċċarat li fil-premessa (88), il-Kummissjoni stabbiliet li l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima jista' jispjega tnaqqis massimu sa 4,6 %, fil-prezz tal-prodott ikkonċernat. Dan huwa massimu teoretiku u ma jfissirx li l-prezzijiet għandhom neċessarjament jonqsu bl-istess marġni fl-istess perjodu ta' żmien. Dan huwa speċjalment minnu għal prodott bħall-aspartam li ma jinbiegħx fuq bażi ta' prezzijiet ad hoc, iżda pjuttost permezz ta' kuntratti ta' bejgħ annwali jew multi-annwali bi prezzijiet fissi. L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni kienet soġġetta għal pressjoni kontinwa u qawwija fil-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u li kienet sfurzata tnaqqas il-prezzijiet tagħha tal-bejgħ minkejja struttura tal-kost li b'mod ġenerali dejjem tmur għall-agħar. Barra minn hekk, l-approċċ annwalizzat imressaq mill-parti interessata ma jistax jiġi aċċettat. Minħabba l-varjazzjonijiet annwali osservati fis-settur tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-materja prima dan l-approċċ annwalizzat ma jirriflettix ir-realtà ekonomika u huwa metodoloġikament mhux korrett. Fl-istess ħin, id-differenza fil-prezz tal-materjali tal-imballaġġ hija differenza reali f'sena partikolari u bħala tali hija tabilħaq negliġibbli fid-dawl tal-prezz tal-prodott ikkonċernat.
- (93) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed evidenza rrekordjata rigward il-pressjoni tal-prezzijiet u l-impatt materjali negattiv tagħha fuq l-industrija tal-Unjoni.
- (94) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor rigward l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, imsemmija fil-premessi (108) sa (113) tar-Regolament proviżorju, dawn is-sejbiet huma kkonfermati.

5.2. Effett ta' fatturi oħrajn

- (95) Bosta partijiet interessati ddikjaraw jew sostnew li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien minħabba t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, parti interessata waħda saħqet li t-tnaqqis fil-konsum huwa minħabba kompetizzjoni akbar minn sustanzi dulċifikanti oħra partikolarment l-aċesulfam tal-potassju ("Ace-K") u minn aktar preokkupazzjonijiet rigward is-saħħa marbuta mal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili. Barra minn hekk, xi partijiet interessati sostnew ukoll li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat minn prestazzjoni ta' esportazzjoni li qed tiddeterjora u/jew għamlitha b'idejha stess minħabba l-falliment tal-industrija li tadatta għat-tnaqqis fid-domanda.
- (96) Parti waħda ddikjarat ukoll li t-telf tal-industrija tal-Unjoni huwa attribwibbli għall-indeboliment konsiderevoli li kellu impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni u jispjega t-telf tal-industrija tal-Unjoni. Parti waħda sostniet li l-bejgħ tal-produttur tal-Unjoni f'it wara t-tnedija tal-investigazzjoni attwali ma tqiesx waqt il-valutazzjoni tal-kawża tad-dannu.

5.2.1. *Konsum*

- (97) Kif diġà rikonoxxut fil-premessi (121) u (122) tar-Regolament proviżorju li t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni seta' kkontribwixxa għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. L-investigazzjoni madankollu ma sabetx li dan it-tnaqqis kien biżżejjed biex jispjega l-firxa u l-profondità tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u għaldaqstant ma setatx tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.
- (98) Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tivvaluta l-impatt ta' dulċifikanti oħrajn u b'mod partikolari dak tal-Ace-K dwar is-suq tal-aspartam, ma ntweriex għalfejn u kif iċ-ċifri ta' dannu li huma allegatament aktar negattivi fil-każ tal-Ace-K ⁽¹⁾ huma kunsiderazzjoni rilevanti għal din l-investigazzjoni.
- (99) Aktar importanti, l-investigazzjoni sabet li minkejja li qed isseħħ xi sostituzzjoni fost diversi sustanzi dulċifikanti, dan huwa pjuttost limitat minħabba li l-iżvilupp u l-approvazzjoni ta' formoli ġodda hi riskjuża, tiegħu ż-żmien, u l-proċess jiswa ħafna flus. Fi kwalunkwe każ, id-dazji imposti fuq l-Ace-K li joriġina mir-RPĊ jistgħu biss isaħħu l-pożizzjoni attwali fis-suq tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u mhux jaffettwaw b'mod negattiv u uniku l-industrija tal-Unjoni kif iddikjarat.
- (100) Wara d-divulgazzjoni finali, il-parti interessata tenniet l-argument tagħha li l-kawża ewlenija tal-ħsara huwa t-tnaqqis fil-konsum minħabba tħassib dwar is-saħħa ul-bdil li jirriżulta ma' sustanzi dulċifikanti oħra inkluż l-Ace-K. Il-parti interessata sabet li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li s-sostituzzjoni fost sustanzi dulċifikanti hija limitata tikkontradixxi r-Regolament proviżorju u reġa qajmet l-ilment tagħha li l-Kummissjoni naqset milli tindirizza l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni anti-dumping kontra l-Ace-K u l-impatt tagħhom fuq l-investigazzjoni preżenti.
- (101) Fil-premessa (97), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effetti tat-tnaqqis fil-konsum u l-impatt limitat tagħhom ma jstgħux jispjegaw id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-parti interessata ma pprovdiet l-ebda informazzjoni għida f'dan ir-rigward u għalhekk, id-dikjarazzjoni li t-tnaqqis fil-konsum ikisser ir-rabta kawżali hija miċħuda.
- (102) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor rigward it-tnaqqis fil-konsum, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (122) tar-Regolament proviżorju huma ikkonfermati.

5.2.2. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet*

- (103) It-Tabella 10 tar-Regolament proviżorju kienet tinkludi żball klerikali (minflok l-indiċi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni medji din kienet turi l-indiċi tal-livelli tal-prezzijiet osservati fis-suq tal-Unjoni). Minkejja dan l-iżball klerikali l-analiżi u l-konklużjonijiet kienu bbażati fuq iċ-ċifri korretti. L-indiċi tal-prezzijiet huma kkoreġuti kif ġej:

It-Tabella 10

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2011	2012	2013	2014	IP
Prezz medju	100	89	101	97	94
Indiċi					

Sors: Dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1963 tat-30 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċesulfam tal-potassju ("Ace-K") li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 287, 31.10.2015, p. 52).

- (104) Rigward l-affermazzjoni li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kkawżat id-dannu, ta' min ifakkar li, kif spjegat fil-premessa (115) tar-Regolament proviżorju, dan il-fattur instab li jikkontribwixxi għad-dannu mġarrab. Madankollu, kif spjegat fil-premessi (116) u (118) tar-Regolament proviżorju, ma nstabx li jkisser ir-rabta kawżali. Huwa mfakkar li l-investigazzjoni sabet li waqt il-perjodu ta' investigazzjoni, is-sehem tal-produzzjoni li kien esportat kien sostanzjalment iżgħar minn dak is-sehem tal-produzzjoni mibjugħ fis-suq tal-Unjoni.
- (105) Barra minn hekk, ta' min isemmi li l-investigazzjoni wriet li kienet ir-RPĊ li rnexxielha twettaq pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni minn swieq terzi oħrajn. L-istatistiċi disponibbli ⁽¹⁾ juru li fid-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, bħalma huma l-Brażil, l-Arġentina, il-Messiku u t-Turkija, ir-RPĊ kienet qed tbiġh kwantitajiet sinifikanti u dejjem jiżdienu bi prezzijiet simili jew anke aktar baxxi minn dawh fis-suq tal-Unjoni. Ma tistax tiġi injorata s-sitwazzjoni ġenerali, globali li skontha r-RPĊ prattikament qed tieħu fidejha l-forniment mad-dinja kollha ta' dan il-prodott ⁽²⁾. L-esportaturi Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-industrija tal-Unjoni anke fi swieq terzi. Dment li m'hemm prattikament l-ebda parteċipanti oħrajn fis-suq dinji ħlief għall-Ġappun, li qed ibiġh konsiderevolment inqas kwantitajiet bi prezzijiet sostanzjalment ogħla min tar-RPĊ fid-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, huwa korrett li wieħed jikkonkludi li t-telf fil-volumi tal-bejgħ u l-prezzijiet ta' esportazzjoni kien ukoll l-aktar minħabba l-imġiba fl-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.
- (106) Wara d-divulgazzjoni finali, il-partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex turi f'termini kwantifikabbli kif l-impatt tat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni kienu limitati u ma kissrux ir-rabta kawżali.
- (107) Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, fatturi għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping huma evalwati u l-effetti dannużi tagħhom ma jistgħux jiġu attribwiti għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Għalhekk, m'huwiex eskluż li fatturi oħra jikkontribwixxu għall-ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku ma jirrikjedi l-ebda kwantifikazzjoni tal-kontribuzzjoni minn fatturi oħra. Billi ddistingwixxiet u sseparat l-effetti ta' fatturi oħra, il-Kummissjoni ssodisfat l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku
- (108) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor rigward il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi (114) sa (118) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

5.2.3. *Dannu awtoinflitt*

- (109) B'risposta għall-argument li d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kien ħtija tagħha stess, għandu jkun ippreċiżat li dan l-argument ġie indirizzat fil-premessa (81) ta' hawn fuq. Fi kwalunkwe każ, peress li l-kapaċità tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni għadha 'l isfel sew mill-konsum tal-Unjoni, wieħed ma jistax jiteklem dwar dannu kkawżat minħabba l-kapaċità żejda ġenerali.

5.2.4. *Fatturi varji oħra mressqa mill-partijiet interessati*

- (110) Għal dak li jirrigwarda l-affermazzjoni tal-parti interessata dwar l-indeboliment, huwa mfakkar li l-indeboliment fil-kontijiet tal-industrija tal-Unjoni ma ġiex ikkunsidrat għall-valutazzjonijiet tal-kost u l-qligħ kif iddikjarat fil-premessa (98) tar-Regolament proviżorju.
- (111) Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-bejgħ ta' produttur tal-Unjoni kellu jiġi evalwat fl-analiżi tal-kawżalità, wieħed irid jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiġijiet li ġejjin. Il-parti interessata tonqos milli turi f'liema sens il-bidla fil-proprjeta tal-industrija tal-Unjoni kellha tittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-analiżi tal-kawżalità. Il-proprjetarju preċedenti, Ajinomoto Co. dejjem kellha l-faċilità ta' produzzjoni ewlenija tagħha fil-Ġappun fejn dan l-aħħar żviluppat metodu ġdid ta' produzzjoni. Ajinomoto Co. għamlet deċiżjoni tan-negozju li tikkonsolida l-bażijiet ta' produzzjoni tal-aspartam tagħha fil-Ġappun. L-investigazzjoni kkonfermat li s-sid il-ġdid jappoġġa bis-sħiħ l-ilment u huwa impenjat li jkompli jipproduċi l-aspartam kif ġie ddikjarat fil-premessa (68) tar-Regolament proviżorju.

⁽¹⁾ L-istatistiċi kienu miksuba mill-bażi tad-dejta tal-esportazzjonijiet Ċiniża u huma disponibbli fil-fajl miftuħ għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati.

⁽²⁾ L-uniku produttur fl-Istati Uniti telaq mis-suq fl-2014 minħabba importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi bħala r-raġuni ewlenija: NutraSweet joħroġ min-negozju tal-aspartam, dulċifikanti artifiċjali tal-24 ta' Settembru 2014, www.cnn.com/2014/09/24/. Skont l-informazzjoni tas-suq, il-Korea t'Isfel qed tnaqqas il-volumi tal-produzzjoni tagħha u hi lesta biex twaqqaf il-produzzjoni għal kollox fil-ġejjieni qrib.

- (112) Wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata ddikjarat li, peress li l-intenzjoni li tbiegħ il-faċilità ta' produzzjoni tal-Unjoni kienet diġà magħrufa fl-2014, is-sid tal-faċilità ta' produzzjoni naqas milli jagħmel l-aġġustamenti u l-investimenti/titjib meħtieġa biex jadatta għall-kundizzjonijiet tas-suq diffiċli. Il-parti interessata allegat li din il-kwistjoni ma ġietx debitament evalwata mill-Kummissjoni fl-analiżi tal-kawżalità.
- (113) B'risposta għal din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni tfakkar li l-investigazzjoni analizzat l-azzjonijiet tal-produttur tal-Unjoni u kkonkludiet li ittieħdu għadd ta' miżuri biex ittaffu l-effetti negattivi tas-suq li sejjer lura u tad-dumping Ċiniż. Konklużjonijiet f'dan ir-rigward jistgħu jinsabu fil-premessa (83). It-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju turi li, l-investimenti, għalkemm qed jonqsu, għadhom qed isiru u anke żdiedu f'xi sena matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, huwa ċar li Ajinomoto kellha interess qawwi biex ma tħallix impatt negattiv fuq in-negozju tal-produttur tal-Unjoni peress li hija xtaqet tbiġh il-kumpanija bħala negozju avvjat. Fid-dawl ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat li l-bejgħ tal-produttur tal-Unjoni kien analizzat biżżejjed u li m'hemm l-ebda evidenza fil-fajl li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet tal-parti interessata.
- (114) Fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor dwar il-premessi (119) u (120), (123) u (124) u (126) sa (127) tar-Regolament proviżorju, il-konklużjonijiet milħuqa hemmhekk huma kkonfermati.

5.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (115) L-investigazzjoni wriet li l-persjoni kontinwa fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi flimkien mal-preżenza b'saħħitha tagħhom fis-suq tal-Unjoni kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Il-prezzijiet ġa mnaqqsa tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu ħafna matul il-perjodu kkunsidrat u dan it-tnaqqis fil-prezz ma jstax jiġi spjegat b'mod sħiħ permezz tax-xejriet fil-prezzijiet tal-materja prima. Id-dipressjoni tal-prezzijiet kellha impatt negattiv dirett fuq il-profitabilità tal-industrija tal-Unjoni u kkontribwixxiet biex din issir ta' telf fis-suq tal-Unjoni.
- (116) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni żżomm il-konklużjoni tagħha li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.
- (117) Il-Kummissjoni kkunsidrat b'attenzjoni l-effetti tal-fatturi l-oħra kollha magħrufa li jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Huwa rikonoxxut li ċerti fatturi (tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni) setgħu kkontribwixxew għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. L-impatt tagħhom kien limitat fl-ambitu u fid-dettall jew it-tnejn, u għalhekk dawn ma kisrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u l-ħsara materjali mġarrba.
- (118) Il-konklużjoni li ntlaħqet fil-premessi (128) sa (131) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

6. INTERESS TAL-UNJONI

- (119) Waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-impożizzjoni ta' miżuri tista' tmur kontra l-interess tal-Unjoni peress li l-miżuri proposti effettivament jagħlqu s-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, u dan iħalli lill-utenti b'sors wieħed ta' provista (jiġifieri l-industrija tal-Unjoni). Skont il-parti interessata, din tfisser ukoll li l-miżuri jqiegħdu lill-industrija tal-Unjoni f'pożizzjoni dominanti fis-suq li tkun kompletament kapaċi tieħu vantaġġ minnu. Partijiet esprimew dubju wkoll dwar il-koinċidenza fiż-żmien bejn il-bejgħ tal-ilmentatur u s-sottomissjoni tal-ilment.
- (120) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dan l-argument. Barra mir-RPĊ hemm ukoll produzzjoni konsiderevoli fil-Ġappun. Dan ifisser li hemm sorsi alternattivi disponibbli għall-utenti. Aktar importanti minn hekk, l-istqarrija li l-miżuri proposti jagħlqu s-suq għall-produtturi Ċiniżi la hija sostnuta u lanqas mhi appoġġata mill-kostatazzjonijiet tal-investigazzjoni. Id-dazji proposti ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' figuri verifikati tal-partijiet interessati kollha involuti f'dan il-każ. Abbażi tal-livelli ta' prezzijiet osservati matul il-perjodu ta' investigazzjoni, id-dazji se jneħħi biss l-effett ta' Prattiki kummerċjali inġusti u mhux sostenibbli fuq il-livell ta' prezzijiet fl-Unjoni. Il-fatt li jeżisti produttur waħdieni fl-Unjoni ma jfissirx li huwa f'pożizzjoni dominanti u ma hemm l-ebda indikazzjoni li se jabbuża, anki jekk jikseb din il-pożizzjoni fil-futur minħabba l-eżistenza ta' sorsi alternattivi ta' provista bħar-RPĊ

u l-Ġappun. Huwa mistenni li wara l-impożizzjoni ta' miżuri, l-industrija tal-Unjoni se tkun kapaċi żżid il-produzzjoni u l-volum ta' bejgħ f'suq irregolat minn kompetizzjoni effettiva. Il-prezzijiet mitluba mill-esportaturi Ċiniżi għandhom jiżdiedu u l-industrija tal-Unjoni se tkun meħlusa mill-prezzjoni qawwija fuq il-prezzijiet li attwalment qed jeżerċitaw fuq is-suq tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-partijiet naqsu milli juru f'liema sens il-koinċidenza fiż-żmien bejn il-bejgħ tal-faċilitajiet ta' produzzjoni tal-Unjoni u t-tressiq tal-ilmont kellu impatt fuq l-interess tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tqis li din il-kwistjoni ma għandha l-ebda effett fuq l-ewalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Dawn l-allegazzjonijiet huma għalhekk meqjusa li huma bla sisien.

- (121) Min-naħa l-oħra, ta' min jenfasizza li l-investigazzjoni sabet li jekk il-prattiki kummerċjali attwali jitħallew ikomplu, x'aktarx l-industrija tal-Unjoni tiġi mġiegħla tieqaf għal kollox mis-suq u tħalli lill-utenti l-unika alternattiva ta' importazzjoni li ċertament mhux fl-interess tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tqis li ż-żamma tal-produzzjoni fl-Unjoni hija essenzjali għal skopijiet ta' kompetizzjoni.
- (122) Wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata waħda stqarret li minħabba l-valur baxx tat-tranżazzjoni ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, is-sid ma jkunx jista' jiġi żgurat b'ċertezza l-futur għall-aspartam.
- (123) Din id-dikjarazzjoni hija purament spekulattiva. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnotta li l-produzzjoni ta' aspartam komplet wara l-bdil fil-proprietarju. Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa l-interessi tal-partijiet interessati kollha u kif spjegat fil-premessa (144) tar-Regolament proviżorju, ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri hija ġustifikata u ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni kollha kemm hi.
- (124) Fl-assenza ta' kummenti oħrajn rigward l-interess tal-Unjoni, is-sejbiet u l-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi minn (133) sa (145) tar-Regolament proviżorju jinżammu.

7. IL-MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

7.1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (marġni ta' dannu)

- (125) Parti interessata waħda talbet lill-Kummissjoni biex tissepara l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni u biex tikkalkula marġni tal-ħsara separat għal dawn iż-żewġ fatturi. Din il-parti talbet ukoll li jsir aġġustament għall-prezz mhux ta' ħsara biex jirribatti ż-żieda fil-kostijiet fissi minħabba t-tnaqqs fil-volum tal-produzzjoni. Il-parti pproponiet li tuża l-kostijiet osservati skont l-aħjar użu tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul it-tliet snin ta' qabel il-perjodu tal-investigazzjoni. Fl-aħħar nett, din il-parti talbet ukoll li jsir aġġustament għall-prezz mhux ta' ħsara li allegatament kien minfuħ bil-materja prima mixtrija fuq prezzijiet ta' trasferiment.
- (126) Kif spjegat fit-taqsimiet 4 u 5 hawn fuq fir-rigward tal-ħsara u l-kawżalità, il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-ħsara u l-kawżalità kif stipulat fl-Artikoli 3(1) sa 3(7) huma sodisfatti. Il-kalkolu tal-marġnijiet ta' ħsara separati għall-fatturi differenti li jikkontribwixxu għall-ħsara mhuwiex rekwiżit legali u mhuwiex prassi tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat kif jixraq l-effetti ta' fatturi oħrajn li jikkontribwixxu għall-ħsara mill-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Il-Kummissjoni sabet li l-fatturi l-oħra ma kissrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.
- (127) Sussegwentement, il-prezz mhux dannuż ġie stabbilit għall-perjodu ta' investigazzjoni fuq il-bażi tad-dejta relatata mal-perjodu tal-investigazzjoni, dan japplika għall-parametri kollha, inkluż l-użu tal-kapaċità. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni li l-materja prima ntrat fuq trasferiment ta' prezzijiet bejn partijiet relatati mill-industrija tal-Unjoni ma kinitx ikkonfermata mill-investigazzjoni. Bil-kontra, l-investigazzjoni stabbilixxiet b'mod ċar (kif issemma wkoll fil-premessa (125) tar-Regolament proviżorju) li l-industrija tal-Unjoni xtrat il-materja prima fuq il-prezzijiet tas-suq matul il-perjodu kkunsidrat.
- (128) Parti waħda sostniet li l-Kummissjoni għandha tinvestiga jekk it-tnaqqs dinji fil-prezzijiet tal-materja prima jiġix tradott fi tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima għall-industrija tal-Unjoni. Din iddikjarat li jekk il-prezzijiet tal-materja prima huma ogħla milli fis-suq internazzjonali, il-kalkolu tad-dannu għandu jiġi aġġustat kif xieraq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li fil-premessa (125) tar-Regolament proviżorju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni tixtri materja prima fuq bażi distakkata u ma ġew ippreżentati l-ebda elementi ġodda li setgħu jġibu fid-dubju l-konklużjoni tagħha.

- (129) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, it-talbiet dwar l-aġġustamenti tal-prezz li ma jagħmilx dannu huma miċħuda. Fin-nuqqas ta' kwalukwe kummenti oħra rigward il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara, il-metodoloġija applikata fi stadju proviżorju kif spjegat fil-premessi (147) sa (152) tar-Regolament proviżorju tinżamm.

7.2. Miżuri definittivi

- (130) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' aspartam li joriġina mir-RPĊ. Skont ir-regola tal-inqas dazju f'dan il-każ il-miżuri għandhom ikunu imposti fil-livell tal-aktar marġni baxx.
- (131) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju antidumping definittiva, espressi skont il-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping %	Marġni tad-dannu %	Dazju antidumping definittiv %
Changmao Biochemical Engineering Co Ltd;	124,0	55,4	55,4
Grupp Sinosweet	126,0	59,4	59,4
Grupp Niutang	121,4	59,1	59,1
Il-kumpaniji oħrajn kollha li kkooperaw	124,6	58,8	58,8
Il-kumpaniji l-oħra kollha	126,0	59,4	59,4

- (132) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji kkonstatata matul din l-investigazzjoni. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju applikabbli fil-pajjiż kollu għall-"kumpaniji l-oħra kollha") għaldaqstant huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u manifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kull kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Ma għandhomx ikunu suġġetti għal xi rata individwali ta' dazju antidumping.
- (133) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju antidumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni⁽¹⁾. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
- (134) Biex ikun żgurat infurzar xieraq ta' dazji antidumping, ir-rata tad-dazju antidumping għall-"kumpaniji kollha l-oħrajn" għandha tkun applikata mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, imma anki għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

⁽¹⁾ European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi 170/Wetstraat 170, 1040 Brussels, Belgium.

7.3. Impenji

- (135) Wara d-divulgazzjoni finali, bosta produttori esportaturi u l-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali Ċiniża (CCOIC) urew interess li jissottomettu offerti ta' impenn fuq il-prezz jew offerta ta' impriża konġunta. Madankollu, kumpanija waħda biss ippreżentat offerta ta' impenn issostanzjata biżżejjed fi żmien l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku. Il-prezz minimu ta' importazzjoni propost kien magħmul minn element varjabbli li jirrifletti x-xejra tal-kost tal-materja prima ewlenija (jiġifieri l-Fenilalanina) u element fiss li jirrifletti l-kostijiet li jifdal.
- (136) Il-Kummissjoni vvalutat l-offerta u identifikat għadd ta' riskji speċifiċi għall-prodott.
- (137) L-aspartam huwa mibjugħ lil klijenti kbar li jixtruh bi kwantitajiet sinifikanti ġewwa u barra mill-Unjoni permezz ta' kuntratti globali. L-esportaturi jkunu jistgħu jikkumpensaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-Unjoni billi jbaxxu l-prezzijiet tagħhom lejn pajjiżi terzi. Għaldaqstant, tali kumpens igħib fix-xejn kull effett rimedjali. Din il-kwistjoni hija partikularment akuta fil-każ preżenti, peress li jkun impossibbli (jew tal-inqas diffiċli ħafna) biex jinstab il-kumpens.
- (138) Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-materja prima tal-aspartam huma volatili kif spjegat fil-premessa (110) tar-Regolament proviżorju. L-impenji dwar prezz mhumiex rimedji effettivi fir-rigward ta' prodotti b'kost volatili ta' produzzjoni. Fi żminijiet ta' tnaqqis fil-kostijiet, dawn jipprevjenu lill-esportaturi milli jirreaġixxu għall-forzi tas-suq. Din il-varjazzjoni hija kkonfermata, kif urew l-aħħar statistiċi dwar l-esportazzjoni, fejn il-prezzijiet Ċiniżi tal-aspartam qegħdin jonqsu b'mod stabbli.
- (139) Fl-aħħar nett, billi l-ebda mill-kumpaniji ma nġataw it-TES, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta kompletament l-affidabilità tal-kontijiet li, fost l-oħrajn, hija kruċjali sabiex tkun stabbilita relazzjoni ta' fiduċja li fuqha l-impenji huma bbażati.
- (140) Abbażi ta' dak li jissemma hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-offerti ta' impenn ma jistgħux jiġu aċċettati.

7.4. Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji

- (141) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell ta' dannu kkważat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping proviżorju impost bir-Regolament proviżorju għandhom jinġabru b'mod definit.
- (142) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax l-opinjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv tal-antidumping huwa hawnhekk impost fuq l-importazzjonijiet ta' aspartam (N-L- α -Aspartyl-L-phenylalanine-1-methyl ester, 3-amino-N-(α -carbomethoxy-phenethyl)-succinamic acid-N-methyl ester), CAS RN 22839-47-0, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari ta' Ċina, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2924 29 98 (kodiċi TARIC 2924 29 98 05).

2. Ir-rati tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazji antidumping definittivi	Kodiċi TARIC addizzjonali
Changmao Biochemical Engineering Co Ltd;	55,4 %	C067
Grupp Sinosweet: Sinosweet Co., Ltd., Yixing City, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ, u Hansweet Co., Ltd., Yixing City, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ.	59,4 %	C068

Kumpanija	Dazji antidumping definittivi	Kodiċi TARIC addizzjonali
Grupp Niutang: Nantong Changhai Food Additive Co., Ltd., Nantong city, ir-RPĊ, u Changzhou Niutang Chemical Plant Co., Ltd., Niutang town, Changzhou city, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ.	59,1 %	C069
Il-Kumpaniji kollha oħrajn li kkooperaw:		
Shaoxing Marina Biotechnology Co., Ltd., Shaoxing, Provinċja ta' Zhejiang, ir-RPĊ	58,8 %	C070
Changzhou Guanghui Biotechnology Co., Ltd., Chunjiang Town, Changzhou city, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ	58,8 %	C071
Vitasweet Jiangsu Co., Ltd., Liyang City, Changzhou City, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ	58,8 %	C072
Il-kumpaniji l-oħra kollha	59,4 %	C999

3. Meta kull produttur esportatur fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:

- ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015);
- ma jkunx relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jkunu soġġetti għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; kif ukoll
- ikun effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni,

it-Tabella fl-Artikolu 1(2) tista' tiġi emendata billi jiżdied il-produttur esportatur il-ġdid mal-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, u għalhekk huma soġġetti għar-rata tad-dazju medja peżata tal-pajjiż ikkonċernat.

4. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti ggarantiti bħala dazji antidumping proviżorji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/262 jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
